**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**
(**Spettur John Spiteri u**
**Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Fayton Falzon u Stephen Cassar**

**Illum, 31 ta' Mejju 2017,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Fayton Falzon**, bin Francis u Paola nee' Scerri imwieled il-Pieta' nhar is-6 ta' Mejju, 1988, u residenti f'Doris, Flat 3, Triq il-Mimosa, Pieta' u detentur ta' karta tal-identita' b'numru 242688M;

u

**Stephen Cassar,** bin Alfred u Margaret nee' Axiaq imwieled Attard nhar l-4 ta' Gunju, 1980, u residenti 1A, Triq Santa Duminka, Sqaq Nru.1, Zabbar u detentur ta' karta ta' l-identita b'numru 351280M;

Akkuzati talli:

F'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn it-30 ta' Mejju, 2017 u is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Xjentement ghexu ghal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, u cirkostanzi zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokali iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekewntati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, u cirkostanzi kellhom hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat u hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali

Akkuzati aktar talli:

Fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, irrendew rwiehhom recedivi ai termini ta l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gew misjuba hatja b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

F’kaz ta’ kundanna ghal reat taht din l-Ordinaza, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex joghgobha thassar kull licenzja li ghandhom il-hatja dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor skont l- Artikolu 14 tal-Kap 63 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra li tinfliggi l-pieni stabbilita mill-Ligi, joghgobha tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba ukoll li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa fil-konfront ta’ Anastasia Dobribors u l-membri familjari taghha.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Tat zmien ragonevoli lill-imputati sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni taghhom;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputati Fayton Falzon u Stephen Cassar regghu affermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikunsidraw il-posizzjoni taghhom;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputati;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 7 u 8 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputati, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundanna lil kull wiehed mill-imputati sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erbgha snin.

Inoltre, l-Qorti tohrog  Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien sena mil-lum ghas-sigurtà ta' Anastasia Dobribors fit-termini tal-artikolu 412C bl-obbligazzjoni tal-imputati.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur